MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 1291/1996/1

**Victor Attard**

**Vs**

**Emanuel Briffa u Veronica Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Victor Attard fit-13 ta' Novembru 1996 permezz ta' liema jitlob li Emanuel Briffa u Veronica Briffa jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' erba' mitt Lira Maltija (Lm400), illum ekwivalenti ghal €931.75, rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' karozza tal-marka FIAT 126 BIS bin-Numru tar-Registrazzjoni F-3997, minnu mibjugha u konsenjata lilhom fuq inkarigu taghhom. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Ottubru 1996, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti Briffa;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Briffa permezz ta' liema jeccepixxu li l-karozza mertu tal-kontestazzjoni kellha hafna difetti li ghalkemm l-attur

ipprova jirrangahom, ma rnexxilux. Peress illi huma wkoll ipprUaw jirrangaw il-vettura u ghal dan l-iskop zbursaw il-flus, offrew lill-attur li jhallsuh is-somma ta' Lm200, ekwivalenti ghal €465.87, a saldu, permezz ta' pagamenti rateali ta' Lm50 il-wiehed;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut Emanuel Briffa moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 1997[1];

Rat ir-rapport ta' l-Espert Tekniku Joseph Anastasi[2] u rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-attur moghtija quddiem l-Espert Tekniku waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2004 u rat id-dokument Dok. "VA1" esebit mill-attur waqt dik is-seduta;

Rat illi waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011[3] id-difensur ta' l-attur iddikjarat li bi zvista n-Numru ta' Registrazzjoni tal-vettura meritu tal-kontestazzjoni gie indikat bhala S-3997 minflok F-3997, u tablet il-korrezzjoni relattiva fl-Avviz promotur;

Rat li b'Digriet datat 11 ta' Ottubru 2011 giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-Avviz promotur kif mitluba u ghalhekk in-Numru ta' Registrazzjoni tal-vettura meritu tal-kontestazzjoni jinsab issa indikat bhala F-3997;

Rat illi fl-24 ta' Dicembru 2011 il-konvenuti gew notifikati bl-Avviz kif korrett u li waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012 il-konvenut Emanuel Briffa iddikjara li kien qed jikkontesta l-azzjoni attrici kif issa impostata u dana billi l-vettura in kwistjoni kien fiha hafna difetti, izda ghalkemm inghata terminu biex formalment iressaq tali kontestazzjoni tieghu huwa ma pprezentax eccezzjoni/eccezzjonijiet ohra oltre dik originali mressqa fit-3 ta' Marzu 1997;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

---

[1] Fol. 9 tal-process.
[2] Fol. 73 sa' 102 tal-process.
[3] Fol. 116 tal-process.

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenuti Briffa jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ Lm400, ekwivalenti ghal €931.75, rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta’ karozza tal-marka FIAT 126 BIS bin-Numru tar-Registrazzjoni F-3997 minnu mibjugha lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom stess.

Il-konvenuti Briffa jopponu ghat-talba attrici in bazi ghall-kontestazzjoni li l-vettura in kwistjoni kellha hafna difetti. Jikkontendu li l-attur innifsu ma rnexxilux jirranga dawn id-difetti u billi huma zbursaw flus biex jirrpuvaw jirrangawhom lill-attur offrewlu li jhallsuh is-somma ta’ Lm200, ekwivalenti ghal €465.87, a saldu, u dana permezz ta’ pagamenti rateali ta’ Lm50 il-wiehed.

Mill-atti processwali jirrizulta li:

- Fit-23 ta’ Lulju 1992 giet iffirmata skrittura privata bejn l-attur u l-konvenut Briffa fejn *the owner* [l-attur] *agrees to let on the Hire-purchase system to the hirer* [il-konvenut Briffa] *and the hirer agrees to take on Hire-Purchase from the owner Fiat 126 Bis Number F-3997*[4];
- Il-bejgh tal-vettura kien ghall-prezz totali ta’ Lm900, illum ekwivalenti ghal €2,096.43, li minnhom il-konvenut Briffa hallas is-somma ta’ Lm500, illum ekwivalenti ghal €1,164.68, bhala *deposit* b’dana li halla bilanc pendenti ta’ Lm400, illum ekwivalenti ghal €931.75;
- Il-bilanc ta’ Lm400 kellu jithallas permezz ta’ pagamenti mensili ta’ Lm30 il-wiehed;
- Il-konvenut Briffa effettwa zewg pagamenti ta’ Lm20 il-wiehed fis-27 ta’ Awissu u fis-27 ta’ Settembru (prezumibilment ta’ l-1992) rispettivament, izda imbaghad ma baqghax ihallas minkejja diversi interpellazzjonijiet ta’ l-attur ghall-hlas.

In bazi ghal dawn il-fatti u ghall-fatt li l-konvenuti baqghu ma dehrux biex jipprovaw u b’hekk debitament jissosstanzjaw l-eccezzjoni taghhom ghat-talba attrici, il-Perit Tekniku nominat mill-Qorti kkonkluda li: *Minn mindu*

[4] Dok. “VA1” a fol 92 u 93 tal-process.

*gie f'idejja dan il-kaz jien sejjaht erbgha seduti, barra minn dawk li sejjah il-magistrat. Dawn saru fis-26 ta' Mejju 2004, 24 ta' Gunju 2004, 27 ta' Lulju 2004 u 17 ta' Novembru 2005. F'kull kaz kien prezenti l-attur flimkien ma' l-avukat tieghu, imma il-konvenut qatt ma deher. Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa li l-karozza kellha hafna difetti izda dan bl-ebda mod ma gie ippruvat minkejja d-diversi opportunitajiet li inghata sabiex iressaq il-provi tieghu. Ghalhekk din l-eccezzjoni jisthoqq li tkun michuda. Min-naha l-ohra, l-attur xehed dwar ic-cirkostanza tal-bejgh u esebixxa skrittura iffirmata miz-zewg partijiet. Din l-iskrittura ma giet bl-ebda mod kontestata u minnha jirrizulta l-pagamenti li saru u ghalfejn. It-tekniku ma jsib l-ebda raguni l-ghala ghandu jiddubita mix-xhieda guramentata ta' l-attur, aktar u aktar fl-isfond tat-traskuragni u nuqqas ta' kooperazzjoni tal-konvenut. Ghalhekk jidhirli li t-talba ta' l-attur ghandha tkun milqugha u l-konvenut jigi kkundannat li jhallsu l-ammont ta' Euro 931.75 (Lm400) bilanc tal-prezz ta' karozza Fiat 126 Bis bin-numru tar-registrazzjoni CBC-592 (gia S-3997) mibjugha u konsenjata lill-istess konvenut*[5]*.*

Ghalkemm fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-Qorti b'mod generali taqbel mal-konkluzzjoni tal-Perit Tekniku li l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda u li t-talba attrici ghandha tigi milqugha, ma taqbilx li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghas-somma intiera ta' Lm400, illum ekwivalenti ghal €931.75. In effetti mix-xhieda ta' l-attur jirrizulta li l-vettura in kwistjoni nbieghet ghall-prezz ta' Lm900, li minnu thallset is-somma ta' Lm500 bhala *deposit* b'bilanc rimanenti ta' Lm400 li kellu jithallas f'pagamenti mensili ta' Lm30 kull xahar. Minn dan il-bilanc thallset is-somma ta' Lm40 permezz ta' zewg pagamenti ta' Lm20 il-wiehed, b'dana li llum ghadha dovuta lill-attur mill-konvenuti Briffa s-somma ta' **Lm360, ekwivalenti ghal €838.57**.

L-ammonti moghtija mill-attur fix-xhieda tieghu ma gewx kontestati mill-konvenuti li ibbazaw il-kontestazzjoni

[5] Fol. 74 u 75 tal-process.

taghhom ghat-talba attrici fuq l-allegati difetti li kien fiha l-vettura meritu tal-kontestazzjoni. Ghalhekk jirrizulta li l-attur irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li huwa kreditur tal-konvenuti Briffa fis-somma ta' €838.57.

Ladarba l-konvenuti ghazlu li jopponu ghat-talba attrici b'eccezzjoni ben artikolata u specifika – ossia l-eccezzjoni li l-vettura mibjugha lilhom mill-attur kien fiha difetti - japplika l-principju guridiku li *l-konvenut li ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika ta' l-assunt ta' l-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib 'il quddiem prova dimostrattiva a sensu ta' l-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficjenti jew insodisfacenti* – **Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud, Appell Civili Nru. 1536/99** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta' Ottubru 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru 2003.

Din il-prova dimostrattiva da parte tal-konvenuti però ma saritx ghaliex kif jirrizulta b'mod ferm car mill-atti processwali huma qatt ma ressqu ebda prova li sodisfacentement turi li l-vettura mibjugha lilhom mill-attur kien fiha hafna difetti, li l-attur kien ipprova jirranga dawn id-difetti izda ma rnexxilux u li huma wkoll ippruvaw isewwu dawn id-difetti w inkorrew fi spejjez minhabba f'hekk. Konsegwentement ghalhekk, kif gustament konkluz mill-Perit Tekniku l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghat-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti Briffa, tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament ghas-somma ta' €838.57, ekwivalenti ghal Lm360, u tikkundanna lill-konvenuti Briffa sabiex flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' €838.57, bl-imghax legali dekoribbli mill-24 ta' Dicembru 2011, id-data tan-notifika lill-konvenuti ta' l-Avviz kif korrett, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Ottubru 1996, jibqghu a karigu tal-konvenuti Briffa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------